

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI
TAD-DATA**Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzati**

(2008/C 233/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI
TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li waslet fit-20 ta' Novembru 2007 mill-Kummissjoni Ewropea,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

I. INTRODUZZJONI

Konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD)

1. Il-Proposta għal Regolament dwar Kodiċi ta' Kondotta għal Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzati mibgħuta mill-Kummissjoni lill-KEPD għall-konsultazzjoni, skond l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-proposta").
2. Il-proposta tikkonċerna l-ipproċessar tad-data tal-passiġġieri minn sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzati (minn hawn 'il quddiem SPKs) u huwa relatat mill-qrib ma' skemi oħrajn ta' għbir u użu ta' data ta' passiġġieri, fl-UE jew f're-

lazzjoni ma pajjiżi terzi. Dawn l-iskemi jippreżentaw interess għoli għall-KEPD, li jilqa' l-konsultazzjoni tal-Kommissjoni.

Il-proposta fil-kuntest tagħha

3. L-objettiv tal-proposta huwa l-aġġornament tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzati li ġie stabbilit fl-1989 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2299/89. Il-Kodiċi jidher li huwa dejjem anqas adatt għall-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, u jeħtieġ li jiġi ssimplifikat sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni — filwaqt li jinżammu s-salvagwardji bażiċi, u jiġi żgurati l-għoti ta' informazzjoni newtrali lill-konsumaturi.
4. Il-fokus ewlieni tal-proposta mhuwiex fuq il-protezzjoni tad-data personali. Madankollu, jekk wieħed iquis li l-SPKs ma jipproċessawx ammont kbir ta' data personali, fil-proposta ġie żviluppjat artikolu speċifiku dwar il-protezzjoni tad-data, bil-ħsieb li jikkomplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE li qed tkompli tapplika l-lex generalis.
5. Dispożizzjonijiet oħra fil-proposta wkoll għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data, anki jekk l-objettiv ewlieni tagħhom huwa li jiżguraw informazzjoni ugwali lill-atturi kollha involuti f'perspettiva ta' kompetizzjoni ġusta: il-protezzjoni ta' l-identità ta' l-abbonati, kemm jekk persuna jew imprezza fiżika, hija wkoll apprezzata f'termini ta' protezzjoni tal-privatezza.
6. Il-KEPD jinnota li l-proposta tindirizza biss l-attivitajiet ta' l-SPKs fil-kwalità tagħhom ta' interfaċċa bejn il-linji ta' l-ajru u l-aġenti ta' l-ivvjaġġar. Hija ma tkoprix id-dipożizzjoni ta' servizzi oħrajn ta' l-IT bħall-hosting tas-sistema ta' prenotazzjoni tal-linji ta' l-ajru. Għalhekk id-data personali proċessata f'dan il-kuntest distint mhux ser tibbenifika mis-salvagwardji previsti fil-Kodiċi ta' kondotta. Madankollu dawn ser ikunu koperti bir-reġim ġenerali għall-protezzjoni tad-data tad-Direttiva 95/46/KE.

Il-fokus ta' l-opinjoni

7. L-opinjoni tal-KEPD ser tibda bil-kamp u l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-proposta f'relazzjoni ma' l-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE. Imbagħad ser tiffoka fuq is-sustanza, bl-analiżi ta' l-artikoli tal-proposta relatati ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data. Huma identifikati aspetti pożittivi, u wkoll issuġġerit titjib possibbli. Ser tingħata attenzjoni speċifika lill-kondizzjonijiet ta' infurzar ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
8. Bħala punt aħħari, l-opinjoni ser testendi lil hinn mid-dispożizzjonijiet konkreti tal-proposta, u ser tindirizza xi implikazzjonijiet usa' ta' l-ipproċessar tad-data tal-passiġġieri mill-SPKs, kemm jekk fil-kapaċità tagħhom ta' interfaċċa għall-aġenziji ta' l-ivvjaġġar jew bħala fornitur tas-servizzi ta' l-IT. L-aċċess minn pajjiżi terzi għad-data tal-passiġġieri miżmuma mill-SPKs ser tkun soġġetta għal analiżi speċifika.

II. KAMP U KONDIZZJONIJET TA' APPLIKAZZJONI

9. Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-protezzjoni tad-data personali. Dawn id-dispożizzjonijiet "jid-dettaljaw u jikkomplementaw" lil dawk tad-Direttiva 95/46/KE, u huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija ⁽¹⁾. Din ir-relazzjoni espliċita bejn iż-żewġ strumenti hija element pożittiv.
10. Madankollu, il-KEPD jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' kondotta mhuwiex identiku għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE. Tabilħaqq, il-kriterju determinanti għall-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' kondotta huwa l-użu jew l-*għoti għall-użu tas-sistema* fit-territorju ta' l-UE ⁽²⁾. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva japplikaw meta l-kontrollu huwa *stabbilit* fi stat Membru, jew meta l-kontrollu huwa *stabbilit* barra mill-UE iżda *jagħmel użu mill-apparat* li jinsab fl-UE ⁽³⁾.
11. Għalhekk jistgħu jiġu previsti xenarji differenti fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta u d-Direttiva:
 - meta l-SPK tkun stabbilita fl-UE, ser japplikaw kemm il-Kodiċi ta' Kondotta kif ukoll id-Direttiva hekk kif il-kriterji ta' dawn iż-żewġ testi jkunu sodisfatti,
 - meta l-SPK tkun stabbilita barra mill-UE, l-offerta ta' servizzi fl-UE, u l-użu ta' l-apparat fl-UE ser jiddeterminaw l-applikazzjoni taż-żewġ strumenti legali.
 Għalkemm il-kriterji ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta u d-Direttiva huma differenti, fil-prattika dawn għandhom jirriżultaw fl-applikazzjoni kkombinata taż-żewġ strumenti: l-offerta tas-servizzi ta' l-SPK fl-UE ser tagħti bidu għall-użu ta' l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' kondotta, u fil-prattika din l-offerta tas-servizzi ser isseħħ permezz ta' l-użu ta' l-apparat (ta' kompjuter) ġewwa l-UE, li bħala konsegwenza ser ikollu wkoll l-applikazzjoni tad-Direttiva.

⁽¹⁾ Artikolu 11, paragrafu 9 tal-proposta.

⁽²⁾ Artikolu 1 tal-proposta.

⁽³⁾ Artikolu 4, paragrafu 1, sub (a) u (c) tad-Direttiva 95/46/KE.

12. Konsegwenza oħra tal-kamp wiesa' ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' kondotta u d-Direttiva hija l-impatt tagħhom fuq il-linji ta' l-ajru, li jista' jiġi stabbilit ġewwa jew barra mill-UE. Il-linji ta' l-ajru stabbiliti barra mill-UE fil-prinċipju mhumiex soġġetti għall-prinċipji Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data, ħliet jekk huma *jagħmlu użu minn apparat li jinsab fl-UE* biex jipproċessaw id-data personali (applikazzjoni tad-Direttiva). Dan ikun il-każ p.e. jekk huma jagħmlu użu ta' SPK stabbilita fl-UE fil-kwalità tagħha ta' "host" għal servizz ta' prenotazzjoni. Ta' min wieħed jinnota wkoll li d-data relatata mat-titjiriet tal-linji ta' l-ajru ser tkun soġġetta għall-leġislazzjoni ta' l-UE hekk kif dwan jiġu pproċessati b'SPK stabbilita fl-UE jew joffru servizz fl-UE (applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta).

III. ANALIŻI TAL-PROPOSTA

Prinċipji bażiċi tal-protezzjoni tad-data

13. L-Artikolu 11 tal-proposta jipprevedi lista ta' garanziji relatati ma' l-ipproċessar tad-data personali, inkluż il-limitazzjoni tal-fini, il-ħtieġa tad-data, il-protezzjoni speċifika ta' data sensittiva, il-ħżin limitat, id-drittijiet tas-suġġetti tad-data għal informazzjoni u għal aċċess.
14. L-Artikolu 11 jagħti wkoll preċiżjoni opportuna dwar il-kwalità ta' l-SPKs, li għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-data fir-rigward tal-prenotazzjonijiet jew il-ħruġ ta' bil-jetti għal prodotti ta' trasport. Għaldaqstant is-suġġetti tad-data ser ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mhux biss lejn l-aġenti ta' l-ivvjaġġar jew it-trasportaturi bl-ajru. iżda wkoll lejn l-SPKs, fejn opportun.
15. L-obbligu għat-trasportaturi u l-intermedjarji parteċipanti biex jiżguraw il-preċiżjoni tad-data (għalkemm mhux limitata għad-data personali), kif previst fl-Artikolu 9, huwa referenza espliċita għad-Direttiva 95/46/KE, fejn skond din id-data personali għandha tkun preċiża.
16. Ta' min wieħed jinnota li dawn id-dispożizzjonijiet tal-proposta huma konformi mar-rimarki magħmula mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 fir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu Nru 1/98 ⁽⁴⁾. Dawn huma aktar u aktar apprezzabbli peress li jispeċifikaw xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE: partikolarment isir riferiment għall-perijodu limitat ta' ħżin off-line tad-data personali (72 siegħa) u t-tħassir ta' l-informazzjoni wara tliet snin, b'kondizzjonijiet limitati ta' aċċess marbutin mal-fini oriġinali ta' l-ipproċessar (riżoluzzjoni ta' tilwim dwar fatturazzjoni). It-trasparenza ta' l-ipproċessar hija prevista wkoll, bl-indikazzjoni mill-abbonat tad-dettalji ta' kuntatt tal-bejjieġ tas-sistema u l-informazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet għal aċċess.

⁽⁴⁾ Rakkomandazzjonijiet tat-28 ta' April 1998 dwar Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzati tal-Linji ta' l-Ajru, WP10.

17. Flimkien ma' dawn l-elementi diġà inklużi fil-proposta, din ta' l-aħħar tista' tiġi kkompletata fir-rigward ta' tliet aspetti.

Data sensitiva

18. L-ewwelnett, fir-rigward tal-possibbiltà għas-suġġett tad-data li jippermetti l-ipproċessar ta' data sensitiva, għandu jintqal espliċitament li l-kunsens għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni adegwata. Għalkemm l-Artikolu 2 sub (h) tad-Direttiva 95/46/KE jimplika li kwalunkwe kunsens għandu jkun "speċifik[u] u infurmat [... u] mogħti [...] liberament", dan jista' ma jseħħx dejjem fil-prattika. L-Artikolu 11, paragrafu 3, jista' b'hekk jiġi kkompletat kif ġej: "... tali data għandha biss tiġi pproċessata meta s-suġġett tad-data espliċitament jagħti l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar ta' dik id-dejta fuq bażi informata".

Miżuri ta' sigurtà

19. It-tieni, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, huwa preżunt li ser japplikaw il-prinċipji ġenerali tad-Direttiva 95/46/KE. Il-KEPD jirrakkomanda li dawn il-prinċipji jiġu kkomplimentati bl-obbligi ffukati direttament aktar fuq il-partikolaritajiet tad-data personali proċessata mill-SPKs. Peress li l-SPKs jistgħu jaġixxu bħala interfaċċa globali għal-linji ta' l-ajru, iżda wkoll bħall-fornitur ta' servizz jew "host" għal linja ta' l-ajru speċifika, il-kwantità kbira ta' data pproċessata fir-rigward ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet differenti għandha tiġi iżolata b'mod ċar, bl-użu ta' ostakli għall-informazzjoni ("Chinese" walls) u miżuri oħra ta' sigurtà adatti. Il-KEPD jirrakkomanda li jiżded dan li ġej bħala paragrafu addizzjonali fl-Artikolu 11.
20. B'hekk l-Artikolu 11 jista' jiġi kkompletat b'paragrafu ġdid wara l-paragrafu 4 li jkun jaqra kif ġej: "*Fejn SPK tħaddem bażijiet ta' data f'kapaċitajiet differenti bħal interfaċċa jew host għal-linji ta' l-ajru, għandhom jittieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi biex tiġi evitata l-interkonnnessjoni bejn il-bażijiet tad-data, u biex ikun żgurat li d-data personali hija aċċessibbli biss għall-fini speċifiku li għalih tinġabar*".

Informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni

21. It-tielet, il-KEPD jilqa' l-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 7 u 11(5) għall-ipproċessar tad-data f'perspettiva ta' analiżi tas-suq. Din id-data tista' tingħata biss minn bejjiegħa tas-sistema lil partijiet terzi f'format li mhux identifikabbli, sew jekk tkun dwar organizzazzjonijiet, kumpanniji jew persuni fiżiċi. Filwaqt li hawn l-oġettiv prinċipalment huwa dak li tiġi evitat l-identifikazzjoni ta' l-aġenti ta' l-ivvjaġġar⁽¹⁾, huwa preżunt li l-anonimizzazzjoni tikkonċerna kull tip ta' data personali proċessata matul prenotazzjoni, u allura anki data persuna ta' klijenti ta' aġenti ta' l-ivvjaġġar.

(1) Memorandum ta' Tifsir, 5. Informazzjoni addizzjonali. "Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta".

Dan għandu jiġi speċifikat fil-proposta, billi l-Artikolu 11 (5) jiġi kkompletat kif ġej: "*L-anonimizzazzjoni għandha tapplika għas-suġġetti kollha tad-data involuti fil-proċedura ta' prenotazzjoni, inkluż il-konsumatur aħħari*".

IV. INFURZAR

22. Bħala konsegwenza ta' kamp wiesa' ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-kompetenza tal-Kummissjoni u l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data biex jiżguraw il-konformità ta' l-atturi involuti, testendi għall-kontrolluri tad-data stabbiliti barra mill-UE. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni, espliċitament imsemmija fil-proposta bħala responsabbli mill-infurzar tal-Kodiċi ta' Kondotta, ikollha mezzi effikaċi biex tiżgura l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.
23. Biex ikun żgurat infurzar effikaċi tal-Kodiċi ta' Kondotta, għandhom jiġu żgurati il-kontroll u t-traċċabilità tad-data personali fin-netwerk ta' l-SPK. Id-data personali hija tabilħaq trasmessa u jidħlu fiha atturi differenti, bħal linji ta' l-ajru, aġenziji ta' l-ivvjaġġar, u hija proċessata mill-SPKs fi kwalitajiet differenti, li jaġixxu jew le f'isem il-linji ta' l-ajru.
24. Flimkien mal-ħtieġa għal distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet differenti ta' l-SPKs, jidher li skema ta' flussi tad-data fis-sistema hija prerekwiżit sabiex ikun ikun hemm stampa ċara taċ-ċirkulazzjoni tad-data personali bejn il-linji ta' l-ajru, l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u l-SPKs. Dan huwa essenzjali biex tiġi vvalutat l-kompetenza ta' l-awtoritajiet differenti ta' infurzar (l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data u l-Kummissjoni).
25. Dan hu aktar u aktar meħtieġ meta wieħed jikkunsidra l-fatt li l-SPKs huma interkonnnessi, u minħabba l-kompleksità tan-netwerk ta' l-SPK. Il-punt sa fejn jista' jkun hemm aċċess għal p.eż. id-data personali mdaħħla permezz ta' linja ta' l-ajru jew aġenzija ta' l-ivvjaġġar, klijent ta' SPK, u li din tiġi proċessata fi stadju differenti permezz ta' SPK, distinta minn dik oriġinali, għandu jiġi ċċarat.
26. Skond l-Artikolu 12 tal-proposta, il-Kummissjoni ser tkun kompetenti li tagħti bidu għall-proċeduri ta' infurzar f'każ ta' ksur tar-Regolament. Għalhekk il-Kompetenza tal-Kummissjoni ser tinkludi, fost l-oħrajn, il-kontroll tal-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data inklużi fir-Regolament.
27. Filwaqt li tkun qed tagħmel dan, ir-rwol tagħha jista' jikkompeti ma' l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, peress li l-attivitajiet ta' SPK jew ta' bejjiegħ jaqgħu fl-ambitu ta' leġislazzjoni nazzjonali tal-protezzjoni tad-data. F'każ bħal dan għandhom jiġu żgurati proċeduri koerenti ta' infurzar u kollaborazzjoni reċiproka. Il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 jista' jkun forum adatt għall-faċilitazzjoni ta' din il-koordinazzjoni.

28. Barra minn hekk, matul it-twertiq tal-kompetenzi tagħha, il-Kummissjoni ser tittratta fajls speċifiċi inkluż l-elementi kollha ta' ksur allegat (p.eż. l-aċċess għal fajls mill-partijiet ikkonċernati li qed ikun trattat fl-Artiklu 15 tal-proposta). Id-data personali ser tkun inevitabbilment inkluża f'dawn il-fajls, li jkun jimplika l-kompetenza tal-KEPD biex jissorvelja l-ipproċessar, bħala aspett tal-kompiti tiegħu fir-rigward ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, bħala fil-każijiet l-oħra kollha fejn il-Kummissjoni taġixxi bħala kontrollur tad-data.

V. AĊĊESS GĦAD-DATA TAL-PASSIĠĠIERI MINN PAJJIŻI TERZI

29. L-aċċess għad-data tal-passiġġieri minn pajjiżi terzi wassal għall-konklużjoni ta' ftehimiet speċifiċi bejn l-Unjoni Ewropea u dawn il-pajjiżi terzi u partikolarment ftehim konkluż bejn l-UE u l-Kanada f'Lulju 2005, u bejn l-UE u l-Istati Uniti f'Lulju 2007. Skond dawn il-ftehimiet, id-data tal-PNR ikkomunikata lil awtoritajiet barranin minn linji ta' l-ajru għandha tikkonforma ma' kondizzjonijiet speċifiċi fre-lazzjoni mal-protezzjoni tad-data.

30. Ir-rwol ta' l-SPKs f'dan il-kuntest ikun differenti, jiddependi jekk jaġixx bħala host jew interfaċċa għal-linji ta' l-ajru.

L-SPK bħala host għal-linji ta' l-ajru

31. Kif issemma' diġà, il-linji ta' l-ajru li ma' jimmaniġġawx is-sistema tagħhom stess ta' prenotazzjoni huma m'dorrijin iħallu dan f'idejn parti terza li tista' tkun SPK. L-SPK hawn ma taġixx fil-kapaċità tagħha ta' interfaċċa għal aġenziji ta' l-ivvjaġġar, iżda bħala fornitur ta' servizz għal-linja ta' l-ajru. F'din il-kapaċità ta' "host", l-SPK tista' tikkomunika l-informazzjoni tal-PNR lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

32. Skond il-Kummissjoni ⁽¹⁾, din l-attività ta' l-SPK ma' tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, u għalhekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-obbligi tagħha fir-rigward ta' trasferimenti lil partijiet terzi ma humiex vjolati. Madankollu, il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data tad-Direttiva 95/46/KE jibqgħu applikabbli, kif ukoll dawk tal-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill ta' l-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet ta' trasferiment lil pajjiżi terzi.

33. Il-KEPD jikkunsidra li l-entitajiet li jipprovdu dawn is-servizzi ta' l-IT huma responsabbli għas-servizz li joffru u għat-trasferiment ulterjuri tad-data lil parti terza. F'dan is-sens, huma għandhom jitqiesu bħala ko-kontrolluri mal-linji ta' l-ajru kkonċernati fir-rigward tas-servizz provdut. Dan jimplika li t-trasferiment tad-data tal-passiġġieri minn fornitur tas-servizzi — kemm jekk hu SPK jew fornitur ieħor ta' servizz ta' l-IT — lil pajjiżi terzi għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' kull ftehim internazzjonali ma' dak il-pajjiż.

⁽¹⁾ Deċiżjoni C(2005) 652 dwar kompatibbiltà ta' l-aċċess għar-Rekords ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) min-naħa ta' l-Istati Uniti mar-Regolament (KEE) Nru 2299/89 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzati.

34. L-obbligi jistgħu jinkludu r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet prattiċi, bħall-modalitajiet ta' trasferiment ta' data u t-tranżizzjoni minn "push" (esportazzjoni) għal "pull" (estrazzjoni), u dan jimplika li s-servizz ta' l-IT jikkontrolla l-kondizzjonijiet tat-trasferiment u l-kwalità tad-data trasferita. L-obbligi ta' trasparenza għandhom iqisu wkoll, bi qbil mal-linji ta' l-ajru u sal-punt li s-servizzi ta' prenotazzjoni tal-linji ta' l-ajru jitwettqu effettivament mis-servizz ta' l-IT. Is-suġġetti tad-data għandhom ikunu jistgħu jaġhmlu rikors kontra l-SPK fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data li sar mill-SPK f'dan il-kuntest ta' trasferiment lil parti terza.

L-SPK bħala interfaċċa

35. Indipendentement mis-sitwazzjoni fejn l-SPKs jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' fornitur tas-servizzi u għandhom iqisu l-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi, wieħed għandu jipprevedi l-każ fejn l-SPKs jaġixxu fil-kwalità tagħhom ta' interfaċċa: f'dan il-każ, kull talba għal data personali minn parti terza taqa' taħt il-kondizzjonijiet tar-Regolament, u fil-prinċipju it-trasferiment ma għandux jitħalla jsir. Tabilħaqq, skond l-Artikolu 11(4) tal-proposta, l-aċċess għad-data ta' l-SPK hi permessa biss għal raġunijiet ta' tilwim dwar fatturazzjoni. Huwa importanti l-fatt li din id-dispożizzjoni tapplika indipendentement mis-sitwazzjoni ta' l-SPK (kemm jekk tinsab fl-UE jew fl-Istati Uniti), dment li s-servizzi huma offruti għall-użu fit-territorju tal-Komunità.

VI. KONKLUŻJONI

36. Il-KEPD jilqa' l-inklużjoni fil-proposta tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data li jispeċifikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE. Dawn id-dispożizzjonijiet itejbu ċ-ċertezza legali, u jistgħu jkunu utilment ikkumplimentati minn salvagwardji addizzjonali dwar tliet punti: li jkun żgurat il-kunsens infurmat bis-sħiħ tas-suġġetti tad-data għall-ipproċessar ta' data sensitiva; il-provvediment ta' miżuri ta' sigurtà li jqisu s-servizzi differenti offruti mill-SPKs, u l-protezzjoni ta' l-informazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni (ara l-punti 18-21 ta' din l-opinjoni).

37. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, il-kriterji li jaġhmlu lill-proposta applikabbli għall-SPKs stabbiliti f'pajjiżi terzi jqajmu l-mistoqsija dwar l-applikazzjoni pratika tagħha, b'mod koerenti ma' l-applikazzjoni tal-*lex generalis*, jiġifieri d-Direttiva 95/46/KE (ara l-punti 9-12).

38. Biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-proposta, il-KEPDs jikkunsidraw li hemm hteġġa għal perspettiva ċara u komprensiva fuq il-problematika sħiħa ta' l-SPKs, b'kont meħud tal-komplexità tan-netwerk ta' l-SPK u l-kondizzjonijiet ta' aċċess minn partijiet terzi għad-data personali proċessata mill-SPKs.

39. Anki jekk dawn il-kwistjonijiet imorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet konkreti tal-proposta, xorta huwa meqjus essenzjali li l-kwistjoni ta' l-SPK titqiegħed fil-kuntest globali taġġha u li nkunu konxji mill-implikazzjonijiet u l-isfidi li jkun hemm ammont daqstant kbir ta' data personali, xi ftit minnha sensitiva, ipproċessata f'network globali prattikament aċċessibbli għal awtoritajiet ta' stati terzi.
40. Għalhekk huwa deċiżiv li tiġi żgurata konformità effettiva, mhux biss fir-rigward ta' l-aspetti tal-kompetizzjoni tal-proposta iżda fir-rigward tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data,

mill-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar, jiġifieri l-Kummissjoni, kif previst fil-proposta, u l-Awtoritajiet tal-protezzjoni tad-Data (ara l-punti 22-35).

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2008.

Peter HUSTINX

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
